TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT3/16/F

Lara Cassar
Vs
Gerald Attard għan-nom ta' Total Mobile

Illum 6 ta' Lulju 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ippreżentati fis-6 ta' Jannar 2016, fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' €545 rappreżentanti prezz tal-mobile ta' €480 kif ukoll prezz ta' tiswija ta' €65

**Ikkunsidra is-segwenti**

Ir-rikorrenti xtrat mobile għal prezz ta' €480 minn għand l-intimat u meta kien għadu taħt garanzija u kellha il-ħsara fih u meta ħaditu għat-tiswija u ħallset €65 xorta baqa bil-ħsara u xorta għadu sal-lum taħt garanzija.

L-intimat issottometta li biex jissewwa il-mobile phone fil-kundizzjoni li kien fih ma hux kopert mill-garanzija u hu kien lest li jirrifondiha is-€65 għax ma baqax jaħdem tajjeb.

It-Tribunal jikkonsidra li il-mobile phone kien għadu taħt garanzija u għandha dritt għalhekk li tieħu rifużjoni fil-maġġor parti tagħha u li għandha tieħu is-€65 lura.

**Għal dawn il-motivi**

It-Tribunal qiegħed jilqa it-talba tar-rikorrenti u jordna li l-intimat iħallas l-ammont ta' €390 plus €65 li jammontaw b'kollox għal €455.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**